# Benedittu XVI: Kitbiet, Tamiet, u Vizjoni[1]

Fr John-Anthony Berry

*Liema hu l-ewwel hsieb li jigi f'mohhok meta tisma' l-isem Benedittu XVI? X'sentiment jew reazzjoni tesperjenza meta tisma' lil xi hadd isemmi l-Papa attwali f'xi diskursata? X'aktarx li t-twegiba veritiera hija dik mitkellma bla tlaqliq. L-ispontanjeta' tikxef is-sincerita' wara r-risposta. Ahna madankollu msejhin biex nimxu 'l hinn mis-sentimenti u l-kritika. Ta' interess għalina mhux l-ghajdut, izda l-kwalitajiet li jitfghu dawl fuq persuntu.*

*Irridu fil-bidu ta' dan l-istudju naghmlu lilna nfusna mistoqsijiet bażiċi. Nistaqsi: dak li jien naf fuq il-Papa – veru jew mhux – nafu ghax smajt lil xi hadd iehor jghidu jew fittixt u qrajt jien xi haga li kiteb jew qal hu stess? Il-kelma ta' min infurmani hi ta' min jorbot fuqha jew jkun ahjar li b'intelligenza, b'ghaqal u prudenza naghraf il-Vigarju ta' Kristu mill-kliem u t-tmexxija tal-Knisja afdatha f'idejh? B'liema għajnejn ser inħares lejn din il-persuna, dawk umani, dawk tal-fidi jew flimkien? U wara kollox, din it-tfittxija dwaru tfisser semplicement kurzita' jew li ninsab tassew dispost nagħraf nara kollox fil-pjan ta' Alla?*

Il-kuntest tal-laqgha/studju taghna hi l-fidi! "Il-fidi kollox" jgħid Dun Gorg. Mingħajr fidi, konna nkunu għaqda politika jew xi moviment, izda mhux Knisja. Mingħajr fidi, teatrin mhux quddies. Mingħajr fidi, ma tkunx konvinzjoni ġewwinija, izda kilba personali. Il-motto ta' Benedittu XVI sakemm kien għadu isqof: "kollaboratur tal-verita'", ma jfisser xejn għajr "fidi adulta". Fi kliem ieħor, jeżerċita fidi, li jfittex biex jemmen, u hekk bl-istess mod kull nisrani. Ninsabu lkoll fl-istess dgħajsa fejn kull "maħbub" u "magħżul" minn Ġesù hu msejjah biex fuq kollox jemmen, jittama u jħobb!

### *It-Tema*

It-tema li ghandna quddiemna llejla/f'dan l-istudju hi "Benedittu XVI: Kitbiet, Tamiet, u Vizjoni". Hi tema wiesa' u impossibli nsemmu kollox, però l-hsieb hu li nippruvaw nduqu u naħkmu l-esperjenza u l-viżjoni ta' dal-bniedem. Tinteressana

1. Din il-lecture kienet indirizzata lis-soċi tad-duttrina nisranija, MUSEUM, fid-Dar Ġenerali fi Blata l-Bajda nhar l-Erbgħa 14 ta'jara Appostolika f'Malta tal-Papa Benedittu XVI

l-figura tiegħu bħala Papa daqskemm bħala bniedem ta' fidi. Għall-kunsiderazzjoni tagħna ser nixtarru l-"qalba ta' ruħu"! Ser nagħrfu fuq kollox in-namur u l-kurzita' intelletwali, min-naħa waħda, u wisq iżjed in-namur esperjenzjali, ta' fidi – li wieħed ikollu meta jidħol f'relazzjoni ma' Alla. Sabiex nidħlu għat-tema tagħna jkun opportun ngħidu kelma dwar il-persuna, l-influwenzi u mbagħad inpoġġu dak li kiteb fil-kuntest ta' żmienu. Naturalment, is-sezzjoni li ġejja hi itwal mit-tnejn l-oħra minħabba dettalji li jippermettulna nsiru nafuh aktar mill-qrib.

## Kitbiet

Kull Papa għandu l-istil tiegħu u l-karattru tiegħu. Wieħed differenti minn ieħor. Fil-providenza tiegħu, il-Mulej dejjem jagħni l-Knisja tiegħu b'mexxejja li jkollha bżonn fi żmien partikulari. B'ħarsa lejn is-seklu għoxrin malajr nintebħu bid-differenzi fil-karattru, it-temperament, it-talenti u affarijiet oħra bejn Papa u ieħor. Hi ħaġa normali li persuni jagħmlu paraguni bejn, per eżempju, Benedittu XVI u l-predeċessur tiegħu, iżda jibqa' fuq sieq waħda min iħares biss lejn id-differenzi. Ippermettuli nirreferi għal ċitazzjoni bl-Ingliż li ġiet f'idejja kumbinazzjoni u li titkellem dwar l-umanita' u l-kontributi differenti taż-żewġ Papiet imsemmija:

> *Men don't stop being human when they become popes. Their literary efforts inevitably bear the marks of their educational background and personal experience. John Paul II remained a phenomenologist shaped by the struggle against communism; Benedict XVI is unmistakably a German theologian who is heir both to the creative ferment in the Church before Vatican II and the uncertain condition of the Church following it.*

Hekk hu, il-bniedem hu dejjem immarkat bl-esperjenzi tal-ħajja f'kuntest partikolari. Mhux ktieb u tnejn jippreżentaw ħajjet Benedittu bħala waħda mmarkata bi studju, tagħlim, kitba u talb. Min jafu b'mod dirett jsemmi l-valur kbir ta' ħajja dixxiplinata u serena li jħaddan, imsejsa fuq it-talb u x-xogħol magħmul b'reqqa u b'kompetenza. Wara kollox din hi l-istess l-ispiritwalita' tal-qaddis li tiegħu jġib l-isem: San Benedittu. Barra minn hekk, il-Papa jingħaraf ukoll għall-għaqal u l-prudenza li jeżerċita kif ukoll għas-sens pastorali raffinat imdawwal mit-tagħlim sod u kompetenti tal-Knisja. Jibqa' l-fatt però li fil-fond huwa l-professur tat-teologija li b'għatx intelletwali jfittex li jifhem il-misteri kbar ta' Alla.

Dan l-aħħar spikka l-mod kif taħt forma ta' mistoqsija u tweġiba, il-Papa jgħallem bi ħlewwa u semplicita' lil dawk ta' madwaru, speċjalment lit-tfal u liż-żgħażagħ. Jibqa' qabel xejn għalliem u teologu tat-teoloġija fundamentali u tad-dommatika. Sa minn żmien is-seminarju kien konċernat mill-pedamenti u l-kontenuti tal-fidi nisranija. Madankollu juri interess lejn bosta oqsma oħra fit-teologija jew barra minnha. Nistgħu nsemmu hawnhekk it-teoloġija morali (dwar il-kuxjenza, fost affarijiet oħra), it-teoloġija liturgika (dwar riforma u l-mod ġust kif għandna nifhmu l-Konċilju Vatikan II), it-teoloġija spiritwali kif ukoll kitbiet jew djalogi ma' ħassieba, filosfi, jew nies midħla tax-xjenzi soċjali.

## *Benedittu XVI Teologu tal-Knisja*

Għalkemm kittieb ta' bosta kotba u artikli ta' natura differenti, jidhirli li Benedittu jibqa' l-bniedem u t-teologu tal-Knisja. Hemm tliet raġunijiet għalfejn wieħed isostni pożizzjoni bħal din: (1) il-Papa Benedittu jiddedika ammont kbir ta' kitba fuq il-Knisja, (2) hu l-aktar suġġett għal qalbu (b'riferenzi kontinwi għas-Santi Padri, fosthom Santu Wistin), u (3) hu l-aktar suġġett li jagħmel sens nistudjaw fid-dawl li huwa l-Kap tal-Knisja Kattolika. Meta fi Frar tas-sena 2000 sar simposju jew aħjar laqgħa ta' evalwazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Konċilju Vatikan II, dak iż-żmien meta kien għadu l-Kardinal Ratzinger, hu kien għamel l-intervent tiegħu dwar id-dokument *Lumen Gentium*, dwar il-Knisja u kien qal hekk:

> Minnufih l-ewwel fażi tal-Kostituzzjoni dwar il-Knisja tiċċara li l-Konċilju ma jikkunsidrax il-Knisja bħala realta' magħluqa fiha nnifisha, imma jaraha tibda minn Kristu: 'Kristu huwa d-dawl tal-ġnus: għalhekk dan il-Konċilju Mqaddes, imlaqqa' fl-Ispirtu s-Santu, jixtieq b'ħerqa kbira illi bit-tħabbir tal-Evanġelju lill-ħolqien kollu (cf. Mk 16, 15) idawwal il-bnedmin kollha bid-dija ta' Kristu li tixgħel fuq wiċċ il-Knisja'... Fl-isfond nagħrfu l-istampa preżenti fit-teoloġija tas-Santi Padri, li tara fil-Knisja l-qamar, li m'għandux id-dawl fih innifsu, imma jirrifletti d-dawl tax-xemx li hu Kristu ... ġimbagħad iżid jgħid liħ d-diskors fuq il-Knisja hu diskors fuq Alla, u hekk biss hu (korrett) jagħmel sens (J. RATZINGER, «L'ecclesiologia della Costituzione *Lumen Gentium*», in *Nuova Umanita'* 22 (2000/3-4) 396-7).

Dan tal-aħħar hu fil-fatt il-ħsieb ċentrali għar-riflessjoni tagħna: "id-diskors fuq il-Knisja hu diskors fuq Alla". Iżda kif b'mod konkret id-diskors tagħna llum fuq il-Knisja ser ikun "diskors fuq Alla"? Dan hu punt ta' tluq li l-Papa Benedittu, b'mod konxju jew le, jistedinna inħarsu lejn dinja kollha tibdil socjo-kulturali filwaqt li mill-Knisja hu mistenni forom ġodda ta' preżenza. Żgur għalhekk li ma jagħmilx sens inżommu d-diskors fuq Alla jew il-Knisja għal bejnietna. L-ideja dwar il-preżenza ta' Benedittu XVI fuq *Facebook*, *YouTube* u issa dan l-aħħar permezz ta' aġenziji tat-Televizjoni fl-internet hi propju dan il-kuntatt bejn il-mexxej tal-Knisja Kattolika u l-kumplament tad-dinja. Il-ħsieb hu li l-preżenza u d-dawl ta' Kristu jiddi fuq il-Knisja (u l-membri tagħha), sabiex bil-preżenza u s-sagramentalita' tagħha twassal lil kulhadd lejn Alla.

Jekk issa ndawru ħaristna lejn il-kittieba u kredenti li nfluwenzaw lil Benedittu insibu tnejn li jispikkaw fuq kulhadd. Dawn huma żewġ ħassieba kbar fit-tradizzjoni nisranija: Santu Wistin u San Bonaventura. L-influwenza teoloġika li ħallew fuqu diġa' tidher mit-teżi tad-dottorat fit-teoloġija tiegħu dwar "Il-Poplu u d-dar ta' Alla fit-tagħlim ta' Santu Wistin dwar il-Knisja" u t-tezi sabiex ikun maħtur lecturer universitarju bl-isem "Il-kunċett tar-Rivelazzjoni u t-Teoloġija tal-istorja f'Bonaventura". Minn Santu Wistin, Benedittu għaraf it-tendenza li jenfasizza idejat kardinali bħalma huma l-interjorita', l-karita' u l-kattoliċita', filwaqt li minn Bonaventura saħħaħ l-impenn tiegħu għal teoloġija miftuħa għall-kontemplazzjoni, il-karita' intelletwali u l-qdusija. Fi kliem ieħor, minn (u bħal) Santu Wistin tgħallem ifittex "jidħol" fil-misteru ta' Alla filwaqt li minn Bonaventura apprezza l-importanza li d-dawl tal-istorja sħiħa tas-salvazzjoni tagħti l-veritajiet tal-fidi.

Importanti issa nikkunsidraw il-kuntest għall-kitbet Benedittu. Il-preferenza għal Santu Wistin u għal San Bonaventura fuq teoloġi oħra titkellem waħidha. Din l-għażla filwaqt li turi lil Benedittu bħala frott żmienu, tixhed ukoll għall-importanza li l-veritajiet tal-fidi ma għandhomx jibqgħu maħsuba fl-astratt jew f'teoriji teoloġiċi, iżda f'relazzjoni personali bejn Alla u l-bniedem. Għalih kien importanti ferm il-valur u l-kredibilta' tat-tradizzjoni u t-tagħlim nisrani b'mod speċjali quddiem il-moderniżmu kif ukoll l-influwenzi li ħallew fuqu kurrenti ta' tiġdid qabel il-konċilju. Nonqos jekk ma nsemmix l-ammirazzjoni tiegħu għal teoloġi u liturgisti kbar kontemporanji bħal John Henry Newman, Odo Casel, Romano Guardini, Henri De Lubac fost l-oħrajn.

Ngħaddu issa biex nisiltu l-karatteristiċi komuni fil-kitbiet tiegħu. Ser insemmu ħamsa:

1. L-ewwel karatteristika hi li kitbietu huma msaħħa b'riferenzi mill-*Iskrittura*. Benedittu juri b'mod ċar il-kapaċita' li jgħaqqad l-Iskrittura mal-ħajja u r-riflessjoni kif tistedinna d-*Dei Verbum*. Hu evidenti li meta jagħmel eżiġesi ta' xi silta biblika aktar jinteressah il-messagg u l-kontenut tal-Vangelu milli t-tfettiq xjentifiku. L-Iskrittura u t-Tradizzjoni dejjem jarahom magħquda ħaga waħda bejniethom u dejjem iċċentrati fil-persuna u l-ħidma salvifika ta' Ġesù.

2. Kwalita' oħra li tispikka hi l-attenzjoni għat-Tradizzjoni u l-ħajja tal-Knisja. Ir-riferenzi b'mod speċjali għas-Santi Padri, l-Konċilji tal-Knisja u anke figuri ekklezjali oħra huma evidenza ta' dan. Każ ta' dan hi propju t-teżi dottorali tiegħu li ġiet difiża fl-1951 u ppublikata fil-1954.

3. It-tfixxija għall-verita' hi t-tielet element li jagħti togħma 'l kitbietu. Hawnhekk b'mod speċjali, Benedittu jitħaddet fuq il-possibilita' ta' pluraliżmu fit-teoloġija (id-diversi metodi jew skejjel ta' ħsieb) iżda l-importanza tal-unita' fil-fidi. Għalih il-verita' hi Kristu biex bħalma daħal fl-istorja tal-bniedem biex isalvah, hekk il-bniedem jiskopriħ ħalli jgħix għal dejjem ma' Alla.

4. Ir-raba kwalita' hi l-attenzjoni għall-preżenza u l-missjoni tal-Knisja. Ċar daqs il-kristall il-ħsieb ċentrali tiegħu: Hu fil-Knisja li niltaqgħu ma' Kristu. Jgħid hekk: "Il-Knisja hi l-'kontemporaneita'' ma' Kristu, "*attwalizzazzjoni fil-mument preżenti*", *jiġifieri li Kristu donnu jinġieb jgħix u jaġixxi fi żmienna, u mod ieħor ma jistax ikun!*" (*The Nature and Mission of Theology*, 60.) Hu jispjega, anke fid-dawl tad-*Dei Verbum*, li l-Knisja qegħedha għas-servizz tal-Kelma ta' Alla u mhux fuqha. Il-Knisja għandha d-dmir li tara li l-Iskrittura ma tiġix manipolata, anzi mifhuma sew.

5 Il-ħames u l-aħħar kwalita' hi n-natura frammentarja tax-xogħolijiet tiegħu. Il-Papa jikteb biċċiet ta' kitba, iżda donnu m'għandux dik li ngħidulha "sistema teoloġika", jiġifieri mappa sħiħa ta' teoloġija. Madankollu, ma jfissirx li kitbietu m'għandhomx konsistenza. Wieħed mill-istudenti tiegħu, Vincent Twomey, fi ktieb riċenti jistqarr li Ratzinger għamel minn dan in-nuqqas virtù u saħħaħ id-dibattitu teoloġiku. Isemmi per eżempju li Benedittu meta ta' l-kors, li aktar tard gie ippublikat bħala ktieb *Introduction to Christianity*, juri

biċ-ċar kif il-ktieb jieqaf ħesrem waqt li jkun qed jispjega l-Knisja u l-Ispirtu s-Santu. Ir-raġuni prinċipali kienet li Ratzinger kien jippreferi li l-istudenti jifhmu u jsegwu milli jkun ħaffef biex jilħaq ikopri s-sillabu kollu.

### *Kurrenti ta' ħsieb li għalihom jipprova jwieġeb*

Niġu issa biex nidentifikaw għal liema mistoqsijiet jew sfidi Benedittu pprova jagħti risposta. Insibu li f'kitbietu, ipprova jindirizza tlett kurrenti ta' ħsieb:

(1) L-ewwel sfida kienet li jeħodha kontra t-*teologija tal-liberazzjoni*. Fi kliem semplici, Benedittu ried jenfasizza li l-"helsien" nisrani jisboq "il-liberazzjoni" Marxista. Skont Benedittu, "ir-religjon m'għandhiex issir qaddejja ta' ideoloġiji politiċi. L-awtonomija tal-Kristjanezmu trid tkun protetta kontra l-entużjasti armati tar-rivoluzzjoni dinjija, minkejja l-intenzjoni nobbli tagħhom. Hu jgħid ċar u tond li dak li jġib il-veru ħelsien hu Kristu.

(2) It-tieni sfida li jilqa' l-Papa Benedittu hi dik kontra r-relativiżżmu. Hawnhekk, kontra l-għajta li "m'hemm l-ebda verita'", Benedittu jenfasizza li "l-verita' teżisti", li Kristu jeżisti. Hu spiss jorbot ir-relativiżmu mas-sekulariżmu. Fil-fatt għal Benedittu, l-ikbar sfida għal zmienna jibqa' s-sekulariżmu; jiġifieri mod ta' ħajja bħal li kieku Alla ma jeżistix. Bil-latin ngħidu: "*si Deus non daretur*". Hu jispjega li teżisti xewqa f'xi uħud li jirriduċu lil Alla għall-ħajja privata, għal sentiment, bħal li kieku ma kienx realta' oġġettiva. Benedittu jispjega li bis-sekulariżmu la nkunu qegħdin nagħrfu lil Alla u lanqas ngħinu 'l xulxin għax kulħadd ikun jopponi lil kulħadd. Isimgħu x'jgħid Benedittu dwar dan:

> "Irridu naħdmu biex nwasslu lil Alla ħalli jerġa' jkun fis-soċjeta' tagħna. Dan jidhirli jien li hu l-ewwel element essenzjali: li Alla jkun preżenti mill-ġdid f'ħajjitna, li aħna ma ngħixux daqslikieku konna awtonomi, b'kapaċita' li noħolqu l-liberta' jew il-ħajja aħna stess. Irridu nirrealizzaw li aħna kreaturi, li nkunu konxji li hemm Alla li ħalaqna u li ngħixu skont ir-rieda tiegħu ma tfissirx dipendenza, iżda don tal-imħabba li jagħtina l-ħajja" (*Questions and answers*, 59).

U jkompli u jgħid:

> "l-ewwel punt hu li nagħraf 'l Alla, u nagħrfu iżjed u iżjed,

li nagħraf li Alla qiegħed f'ħajti u li hemm għandu post. It-tieni hu li nagħrfu l-wiċċ ta' Alla f'Ġesù Kristu li bata u miet għalina għall-imħabba li kellu għalina".

(3) It-tielet sfida nara li kienet kontra d-deformazzjoni tal-liturġija fejn jirrikorri għall-ħsieb "veru" tal-Konċilju li "jfejjaq il-modernita'". Fundamentali għalih hi ċertament l-qima liturġika li għandha l-kapacita' li tgħin lil bniedem mhux biss jinfetaħ għal Alla u japprezza l-misteri nsara, iżda ukoll li jibni soċjeta' b'valuri umani u ġusti. Interessantissmu per ezempju huwa l-ktieb bit-titlu bħal dak ta' Guardini: "*L-Ispirtu tal-Liturġija*". L-intenzjoni tal-awtur ma kinitx sempliċement li jagħti storja jew jiċċara idejat bħall-"partecipazzjoni attiva", iżda li jagħti orjentazzjoni ġdida lejn Alla, l-iktar lill-kultura umana.

Għalhekk il-mistoqsija li tqum issa hi dwar kif nistgħu nitkellmu dwar it-teoloġija ta' Benedittu XVI. B'mod ġenerali, ser insemmi tliet punti prinċipali:

(1) Kulma ppubblika dejjem inkiteb fid-dawl tar-*raguni* u tar-*Rivelazzjoni*. Għalih dawn it-tnejn huma fundamentali u kumplementari. Filwaqt li jistrieħ fuq il-kontenut tal-Iskrittura u t-tradizzjoni l-Papa hu interessat jistaqsi mistoqsijiet artikolati mis-sitwazzjoni li ninsabu fiha llum. Fidi bla raġuni tkun dgħajfa (*fundamentaliżmu*), u raġuni mingħajr fidi tkun għamja (*ċinika/niħilista*)! Madankollu, l-punt tat-tluq hu dejjem ir-Rivelazzjoni, jiġifieri li Alla jitkellem. Niftakru b'mod speċjali fit-teżi li kiteb dwar Bonaventura. Ċentrali hawnhekk insibu r-Rivelazzjoni u l-ideja ta' storja ta' salvazzjoni.

(2) It-tieni punt hu li t-teoloġija għalih hi kkaratterizzata mill-*attenzjoni għar-risposti mogħtija fil-kors tal-istorja* minn ħassieba kbar fosthom teoloġi. Jitfgħu dawl b'mod partikolari individwi li "jisimgħu l-kuxjenza tagħhom" u li jqegħdu t-tajjeb u d-dritt qabel "il-qbil ta' kulħadd". Jirreferi fuq kollox għal nies bħal Santu Wistin, San Ciprijanu, Tumas More, John Henry Newman, u anke l-Protestant Dietrich Bonhoeffer fost oħrajn.

(3) Fl-aħħarnett u forsi l-aktar importanti hi ċ-*ċentralita' ta' Kristu* fit-teologija u fil-ħajja. Dwar dan nixtieq nitkellem aktar 'il quddiem. Għal Benedittu, m'hemm xejn aktar ċar mill-missjoni li l-Knisja, kif ukoll it-teoloġija, għandha tisma', tinterpreta u tgħaddi l-verita' kif Alla jirrivela lilu nnifsu f'Ġesù Kristu. Jinteressah li persuna temmen mhux biss bil-ħsieb iżda bil-konvinzjoni.

## Tamiet

Nghaddu issa biex nitkellmu dwar it-tieni parti ta' din il-preżentazzjoni. M'ilu xejn kont naqra l-*Corriere della Sera* u f'kummentarju kien hemm dawn il-precizi kelmiet li jidhirli jien ifissru tajjeb dak li ser ngħid f'din is-sezzjoni:

> *«Benedittu XVI, xejn differenti mill-predeċessuri tiegħu, hu msejjah biex jiffaċċja sitwazzjonijiet xejn faċli, li jinbidlu f'sentiment ta' attakki vili fuq il-Knisja u saħansitra fuq is-sustanza/il-qalba tar-reliġjon nisranija. Il-mod kif Benedittu qed jirrispondi hu straordinarjament effikaċi, ta' lanqas fil-konfront ta' kull persuna li ma jinġarrx minn sentimenti ta' preġudizzju u ostilita', u dan l-aktar grazzi ghall-umilta' u s-sinċerita' magħqudin maċ-ċarezza raġonevoli li l-Papa jħaddan u jeżerċita».*

Dawn il-kelmiet mill-ewwel ipoġġuna fil-ħsieb tat-tama. Quddiem d-diffikultajiet, b'mod speċjali, wieħed jittama u għandu jittama f'Alla. Dwar dan wieħed jista' jaqra l-enċiklika *Spe Salvi*. Iżda ppermettuli nikkwota x'wiegeb Benedittu meta kien mistoqsi minn qassis mid-Djocesi ta' Albano jekk hemmx tama għall-poplu ta' Alla, sewwasew għall-Knisja. Il-Papa Benedittu wiegeb "iva" bla tlaqliq. U qal hekk:

> *"Il-Knisja hi ħajja! Għandna 2,000 sena storja tal-Knisja b'tant tbatija u wisq iżjed fallimenti. Ejjew niftakru fil-Knisja tal-Asja minuri u l-kobor tal-Knisja fl-Afrika ta' fuq li gew fix-xejn bl-invazjoni musulmana. Ghalhekk partijiet mill-Knisja jistgħu jisparixxu. Iżda daqshekk ieħor nistgħu naraw il-Knisja terġa' tqum fuq saqajha u tohrog minn kriżijiet b'qawwa u bi freskezza ġdida".*

Ikompli billi jfakkar kif waqt li xi uhud ħabbru li l-Knisja ta' Ruma spiċċat fi żmien ir-riforma, fl-istess waqt rajna qaddisin kbar bħal Injazju ta' Loyola, Tereza ta' Avila, Karlu Borromeo u tant oħrajn li jixhdu għall-qawmien tagħha. Niftakru ukoll fi żmien l-illuminiżmu, meta Voltaire tenna li "fl-aħħar dil-Knisja xiħa hija mejta, u l-umanita' hija ħajja". U fil-fatt x'ġara ... l-Knisja ġiet imġedda!

Is-seklu dsatax ukoll jibqa' mfakkar ghal wieħed mis-sekli li fih ra qaddisin kbar u mewġa kbira ta' twelid ġdid ta' kongregazzjonijiet reliġjużi. Hawnhekk, il-Papa jirreferi ukoll ghal zminijietna specjalment ghal Hitler li qal: "Il-Providenza sejhet lili, Kattoliku, biex nispicca l-Kattoliċeżimu". Dan tal-aħħar kien żgur li ser jeqred il-Kattoliċeżimu, bħalma kienet l-intenzjoni ta' ideoloġi oħra, iżda filwaqt li l-Knisja kienet tidher lejn it-tmien tagħha, hi ħarget aktar rebbieħa, akbar b'saħħitha, aktar marbuta ma' Kristu.

Toghgobni b'mod partikolari sentenza li kien qal il-Papa waqt żjara fil-Bavarja: "Min jemmen, qatt mhu wahdu!" Xi jrid ifisser b'dan il-kliem? Ifisser li dejjem hemm dimensjoni komunitarja. Il-Knisja, 'l bogħod minn kull teorija, mhux sempliċement bħala xi memorja jew kuxjenza kollettiva, izda "aħna li nemmnu" f'Alla ta' Ġesù Kristu. It-tama tagħna hi f'Alla, iżda hi l-Knisja li tghinna nikbru f'din it-tama. L-enfasi ta' Benedittu hi dejjem ekkleżżjoloġika; jiġifieri jitkellem minn lenti ta' Knisja. Ma' din il-Papa jorbot il-fatt li l-fidi hi don t'Alla għalina. Ghalhekk il-kundizzjoni prinċipali hi li kulħadd jinfetaħ konxjament għal dak li Alla jixtieq jagħtina l-bnedmin.

Dan il-ġest ta' "ftuħ" hu ukoll il-ġest li nagħmlu fit-talb tagħna, jiġifieri li ninfetħu ghall-preżenza ta' Alla u dak li ser jagħtina. Għalhekk irridu nidħlu f'din il-konvinzjoni li naċċettaw dan id-don b'mod sħiħ. U hawn jenfasizza punt ċentrali. Hadd ma jemmen purament waħdu. Aħna dejjem nemmnu fi ħdan u mal-Knisja. "Il-Kredu", jgħid Benedittu, "hu dejjem att ta' fidi li nagħmlu *flimkien*, jiġifieri li nħallu lilna nfusna nkunu miġbura f'komunjoni flimkien bejnietna u ma' Alla". Għalhekk li temmen hu att kattoliku ... partecipazzjoni f'din iċ-ċertezza kbira, li tinsab fil-Knisja bħala awtur (suġġett) ħaj.

Biex nerġgħu lura għas-suġġett tagħna, it-tama, li mhix biss xi ħaġa li wieħed jikkultiva b'mod personali, iżda ukoll bħala komunita'. Għaldaqstant, f'kull żmien il-Knisja imsejha biex tittama fil-waqt li tgħix il-missjoni tagħha kultant ukoll fi zminijiet diffiċli. Gurnalista taljan Sandro Magister, isemmi sitt attakki li saru fuq il-Papa u l-Knisja Kattolika.

L-ewwel akkuza kienet li l-Papa hu *kontra l-Islam*, jew ahjar li hu l-"ghadu" tal-Iżlam fis-sens li jrid ġlieda bejn il-kulturi minflok li jkun "sostenitur" tal-paċi. Niftakru b'mod partikolari fil-vjolenza li sehhet fuq xi nsara wara d-diskors tiegħu fl-Universita' ta' Regensburg. Madankollu Benedittu jsostni li l-għeruq tal-vjolenza tinsab f'ideja ta' Alla 'l boghod mir-raġuni. Hawnhekk l-ewwel akkuża

mhux minna. Kien Benedittu nnifsu li mar f'Moskea f'Istanbul u ta sinjali ċari u pożittivi ta' djalogu. Benedittu dejjem jinsisti li minkejja d-differenzi, hemm il-liġi ta' Alla mnaqqxa f'kull qalb ta' bniedem li tghaqqad lil kulhadd.

It-tieni akkuza tpingi lil Papa Benedittu bhala *l-għadu tar-raġuni moderna*, b'mod partikolari ix-xjenza. Hawn qed niftakar b'mod partikolari dak li gara fl-Universita *La Sapienza* f'Ruma f'Jannar tal-2008 fejn professuri u studenti pprotestaw sabiex iż-żjara tal-Papa fosthom titħassar. U hekk ġara. Izda mbaghad f'diskors li kellu jinghad minn Benedittu u li gie stampat f'diveri gurnali naraw lil Benedittu mhux jitkellem kontra r-raguni moderna iżda għal darba oħra jiddefendi għaqda indissolubli bejn il-fidi u r-raġuni; bejn il-verita' u l-liberta'. Faċli tifhem il-pożizzjoni ta' Benedittu b'sentenza bħal din: "Jien mhux gej biex nimponi l-fidi, imma biex insejjah ghall-kuragg għall-verita'". U allura, paradossalment, Benedittu hu l-"illuminista" f'sens tajjeb (jiġifieri sostenitur tar-raġuni) ghax jinkuraġġixxi l-verita' f'dinja mimlija dubji.

It-tielet akkuza hi li l-Papa hu *tradizzjonalista*, mwaħħal fil-passat u għadu tal-Konċilju Vatikan II. Donnu ħafna jinsew li jekk hemm xi ħadd, almenu fil-liturġija li qed ikompli l-moviment liturgiku li beda minn Prosper Guerander sa Romano Guardini, hu propju Benedittu nnifsu. Anke fid-diskorsi tiegħu dejjem jivvaluta l-Koncilju u jsemmi r-riforma fil-kontinwita' kontra ohrajn li jinsistu fuq qasma ("rottuta") jew bidu ġdid bħal ma jsostnu xi storiċi mill-iskola ta' Bologna jew xi teologi Amerikani.

Ir-raba akkuża hi li l-Papa jrid *ifixkel it-triq u l-isforzi tal-ekumeniżmu*. Xi kritici jsostnu li l-Papa jippreferi jirrikonċilja l-Lefebvristi milli knejjes nsara oħra. Però l-fatti juru bil-kontra. Minn mindu laħaq Papa, t-triq tar-rikonciljazzjoni mal-Knejjes tal-Lvant hadu spinta 'l quddiem, b'mod speċjali kemm mal-patriarkat ta' Kostantinopli u kemm mal-patriarkat ta' Moska. Niftakaru ukoll, dan l-ahhar, il-ftuħ u l-inkuraġġiment lejn l-Anglikani, t-tneħħija tal-iskomunika tal-erbgha isqfijiet minkejja l-ġibda lejn il-forom passati tal-Knisja u xi taghlim b'espressjoni antika.

Il-hames akkuza ġejja mil-Lhud li l-Papa mhux biss aċċetta fi hdan il-Knisja erba' isqfijiet Lefebvristi, wiehed minnhom antisemita u li jichdu l-olokawst, iżda ukoll li ghad hemm *sentimenti kontra l-Lhud* bhalma hi t-talba għal-Lhud fil-funzjoni tal-Ġimgha l-kbira. Issa dan l-ahhar ukoll Raniero Cantalamessa gie mizinterpretat dwar kwotazzjoni minn ittra li bghattlu xi hadd lhudi. Madankollu

l-attakki ovvjament marru għall-Papa. Dan hu kollu falz madankollu għax propju fl-aħħar ktieb tiegħu *Ġesù ta' Nazaret*, fil-waqt li jagħraf id-differenzi bejn ir-reliġjon Lhudija u dik Kattolika, juri biċ-ċar il-kapacita' li jiddjaloga ma' Rabbi, f'dan il-kaz l-Amerikan Jacob Neusner.

Is-sitt u l-aħħar akkuża hi li l-Papa *zamm mistur l-iskandlu* ta' xi qassisin pedofili. Hawnhekk ukoll l-akkuża hi ndirizzata b'mod partikolari lil bniedem li ħadd daqsu fil-Knisja ma ħadem biex din il-problema tkun indirizzata. Nitkellmu mhux biss mill-ittra li bagħat lil poplu Irlandiż, iżda ukoll minn sforzi li dejjem saru waqt li kien għadu prefett tal-Kongregazzjoni għad-duttrina tal-fidi. U filwaqt li jinsisti li huwa tajjeb li ssir ġustizzja mal-partijiet konċernati u li tkompli l-purifikazzjoni tal-Knisja, wieħed irid jistaqsi "min hu" l-kritiku biex jiġġudika x'għamel u x'ma għamilx il-Papa waqt li kien responsabbli li jindirizza dawn il-problemi? Iż-żmien għad jagħtina risposta.

Kieku kellna nirrispondu għalfejn dawn l-attakki kollha fuq il-Papa, minn ġewwa u minn barra, fil-Knisja nsibu li Benedittu jinsab attakkat preċiżament għal dak li jagħmel, dak li jgħid u dak li hu! Iżda Benedittu dejjem indirizza l-isfidi tal-fidi. Hu jsostni li fejn hemm in-"nuqqas ta' Alla", inkurunat bis-sekulariżmu u d-dittatorjat tar-relattiviżmu, għandu jinġieb fix-xejn bil-"preżenza ta' Alla". Mod kif dan jista' jsir hu ċertament l-istudju, il-ħajja, iċ-ċelebrazzjoni u l-imħabba għall-Kelma ta' Alla fi ħdan il-Knisja (li minnha u fiha twieldet l-Iskrittura). B'modi bħal dawn jistgħu jkunu kkoreġuti movimenti differenti ta' ħsieb żbaljati. Hu jtenni li "l-Kristjaniżmu jrid jirxoxta mill-ġdid bħal żerriegħa tal-mustarda, fi gruppi ta' ċokon kwazi negliġibbli li l-membri tagħhom jgħixu f'taqbida intensa ma' dak li hu ħażin fid-dinja, filwaqt li juru dak li hu tajjeb. Huma l-melħ tal-art, il-ġarar tal-fidi." U l-bidu li jwassal bniedem fit-triq it-tajba hi l-fidi. Din m'hi xejn għajr espressjoni tal-inizzjattiva ta' Alla, u li aħna mistiedna nilqgħu.

Niftakar il-hsieb, qisu l-programm pragmatiku tiegħu għall-Pontifikat, li esprima fl-omelija tiegħu fil-kappella Sistina: «Jidhirli li qed inħoss l-id b'saħħitha tiegħu ġta' Gwanni Pawlu IIħ tagħfas l-id tiegħi; jidhirli li qed nara l-għajnejn jixgħelu tiegħu, u qed nisma' l-kliem tiegħu, li qed iwassal partikolarment lili f'dan il-mument: 'Tibżax'!»

Iżda nagħlaq din is-sezzjoni billi nagħmel referenza qasira għal dak li jgħid il-Papa dwar il-movimenti fil-Knisja. Isemmi żewġ regoli tad-deheb u li ta' min jixtarrhom sewwa. L-ewwelnett jirreferi għall-ewwel ittra ta' san Pawl lit-

Tessalonkin meta jgħid mhux twarrbu l-kariżmi iżda "ibnu lil xulxin" (1 Tess 5, 11). Mela jekk Alla jagħtina doni ġodda, irridu napprezzawhom. L-istess bħalma ġara fi żmien San Franġisk u San Benedittu. It-tieni regola tibni fuq ta' qabilha: li l-Knisja hi waħda. Il-movimenti fil-Knisja huma tassew doni veri tal-Ispirtu s-Santu u jappartjenu u jaqdu lil Knisja. Dawn it-tnejn bejniethom f'termini prattiċi jfissru: "gratitudni", "paċenzja" u "xi ftit tbatija ukoll". Din hi t-tama tagħna.

**Viżjoni**

Naslu issa għall-aħħar punt tal-laqgħa/l-istudju tagħna llejla dwar il-viżjoni ta' Benedittu XVI. Irridu nistaqsu: "X'viżjoni possibilment jista' joffri Papa f'eta' ta' 83 sena li hu l-ixjeħ wieħed li ġie maħtur sa mill-1730? Għal darba oħra, hawnhekk nerġa' nfakkarkom li l-lenti tagħna hi waħda pastorali u spiritwali. Li għandna quddiemna hu l-"għala" u "il-kif" ser ngħixu l-kelma t'Alla flimkien, bħala komunita' ta' dixxipli ta' Ġesù mas-suċċessur ta' Pietru. F'dan li ġej ser insemmi xi karatteristici prattiċi fil-viżjoni ta' BenedittuXVI.

L-ewwelnett hemm *kontinwità*. F'dikors lil għamel lill-Kurja Rumana qabel il-Milied, Bededitttu saħaq li m'għandniex ngħixu l-ermenewtika tad-diskontinwita', iżda l-ermenewtika tat-tiġdid; jiġifieri l-ispiritwalita' tal-kontinwita'. Huwa jispjega li filwaqt li nħobbu dak li hu "ġdid", ma jfissirx li ma nħobbux il-kontinwita'. B'mod speċjali hawnhekk nirreferu għat-tagħlim tal-Konċilju Vatikan II. Għal Papa, aktar milli bidu mill-ġdid, il-Konċilju jibni fuq ta' qabel, bil-ħsieb uniku li jsaħħaħ u jgħaddi l-fidi lill-ġenerazzjonijiet ta' wara. Din hi viżjoni li fi kliem semplici tfisser nixorbu mill-għajn li xorbu minnha ta' qabilna filwaqt li ngħixu f'kuntest ġdid ta' Knisja u soċjeta'.

It-tieni karatteristika evidenti fil-viżjoni ta' Benedittu hu d-*djalogu*. Mhix Knisja li tiddetta, iżda li ddawwal u lesta tidħol fi djalogu. Eżempju ta' dan hi l-metodoloġija li jħaddan Benedittu fil-kotba tiegħu. Eżempju klassiku hu l-ktieb *Introduction to Christianity* li fih ma jieqafx biss biex jispjega l-fidi kattolika iżda juri sensibilita' lejn mistoqsijiet kontemporanji. Hu jdaħħal fil-konverżazzjoni diskussjonijiet, mistoqsijiet mill-kultura moderna u studju tekniku sabiex il-Verita' tkun magħrufa fid-dawl tal-fidi. L-istess djalogu juri ukoll li l-Knisja hi preżenti, mhux sempliċement xi realta' maqtuha mid-dinja. Anzi, hi Knisja miftuħa li trid tisma' u tiġġedded. Dan, madankollu, jitlob ħafna paċenzja. Togħġobni espressjoni u l-ideja ta' Dun Hector Scerri meta jqabbel "l-pastorali ta' paċenzja ta' Benedittu"ma' dik ta' ragħaj li jagħraf jistenna u ma jgħaġġilx. Fuq kollox, naraw f'Benedittu prudenza kbira u tmexxija b'għaqal anke jekk spiss mifhum ħazin.

Benedittu jagħti l-isbaħ lezzjoni li f'din id-dinja l-Knisja trid isib modi ġodda kif tesprimi lilha nnifisha. Bħalma Tumas t'Akwinu fassal il-Kristjanezmu fil-kuntatt mal-Gudaiżmu, l-Islam u l-kultura Griega u Latina sabiex jagħtiha bixra aħjar, anke llum hemm bżonn li filwaqt li żżomm bla mittiefsa l-identita' tagħha, trid tiskopri toroq ġodda kif il-fidi ħajja tesprimi lilha nnifisha u tagħmel lilha nnifisha preżenti. Jgħid li "l-unika għaqda hi dik li jġib Alla. Kull ħaġa oħra hi kostruzzjoni politika, tranżitorja bħal kull ħolqien ieħor tax-xorta tagħha" (*Bruderhof*, Gunju 1995). U allura f'dan id-dawl wieħed ma jistax ma japprezzax iż-żjajjar u l-viżti tiegħu fis-sinagoga f'Ruma, f'Moskea u l-preżenza ta' din ix-xorta. Fl-istess hin, dwar dan jinfetħulna għajnejna meta nisimgħu kliem Gwanni, fl-ewwel enċiklika, l-programm tal-Pontifikat ta' Benedittu: Alla hu Mhabba.

It-tielet karatteristika hi l-*verita'*. Għalih sagrosanta l-ideja li l-bniedem ifittex il-verita'. Il-bniedem f'għajnejn Benedittu hu l-essri li hu msejjaħ jiltaqa' ma' Alla mħabba, u sabiex jaċċettah f'ħajtu. Madankollu hemm liberta' sħiħa. Hu ghalhekk jindirizza lil kulhadd bħala "nies ta' rieda tajba". F'dan id-dawl, kulmin jaqra xi dokument tal-Knisja jew jiċċelebra l-ħajja sagramentali, kredent jew le, iħossu inkluż u mhux eskluż. F'dan is-sens, il-Knisja, f'eżerċizzju leġittimu tal-liberta' tagħha li xxandar il-vanġelu, qegħdha ukoll tindirizza lilu. Il-verita' hu Kristu nnifsu. Kristu li ħalla l-Knisja biex ixxandar messaġġ, aħbar tajba li l-bniedem jista' jsib il-milja tiegħu nnifsu u jkun kuntent meta jagħraf il-primat ta' Alla fil-ħajja tiegħu u tad-dinja. Dan anke jidher ċar fl-istess enċiklići tiegħu, li s-sors u l-għajn ta' kull ħajja hu Alla nnifsu - tjubija aħħarija, sbuħija u verita'. U din hi forsi l-aktar karattersitika li toħroġ bil-qawwa f'dawn il-ħames snin ta' pontifikat: l-priorita' li Alla jkun magħruf u maħbub f'Ġesù Kristu. Il-viżjoni tal-insara mhux waħda astratta, iżda waħda ta' inkarnazzjoni.

Nixtieq nagħlaq bi kliem li qal waqt l-omelija tal-bidu tal-pontifikat: "F'dan il-mument, jiena, serv debboli ta' Alla, irrid nidħol għal dan il-kompitu ... li realment imur lil hinn minn kull kapacita' umana. Kif se nagħmel dan kollu?" "M'ghandix inġorru waħdi, dak li fir-realta' ma nista' qatt inġorr waħdi. Ix-xirka tal-qaddisin ta' Alla tħarisni ... u t-talba tagħkom, l-imħabba tagħkom, il-fidi tagħkom u t-tama tagħkom ikunu miegħi." U aħna u nistennew il-miġja tiegħu fostna, ejjew niftakru fi kliem is-Sinjur tagħna Ġesù Kristu: "Min jilqa' lil min nibgħat jien, ikun jlqa' lili, u min jilqa' lili, ikun jilqa' lil dak li bagħatni". Dan kliem Ġesù fl-ahhar ċena (Ġw 13, 20). Għax x'messaġġ u viżjoni jista'possibilment iwassal lill-membri tal-Knisja u lil kulhadd fid-dinja f'dan iż-żmien? Naħseb xi ħaga simili għal dan:

"Iva, l-Knisja hi *ħajja* - din hi l-esperjenza meraviljuza ta' dawn il-ġranet ... u l-knisja hi *żagħżugħa*. Iġġorr fiha l-futur tad-dinja u għaldaqstant turi lil kull wieħed minna it-triq lejn il-futur. Il-Knisja hi ħajja ... għax Kristu hu ħaj, għaliex hu tabilħaqq qam mill-mewt ... U llum ukoll il-Knisja u s-suċċessuri tal-Appostli huma msejħa joħorġu 'l barra f'baħar fond u jkalaw ix-xbiek sabiex jirbħu rġiel u nisa lura għall-vanġelu - lejn Alla, lejn Kristu, lejn il-veru ħajja" (Quddiesa tal-Bidu tal-Pontifikat, 24 April 2005).